Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 27

**Data:** It-Tnejn, 18 ta' Novembru 2019
**Ħin:** 17:30
**Post:** L-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Skużati:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**27.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

27.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija ta' Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Jesmond Aquilina.

27.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġijo preżentati.

**27.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 25 Emendati**

27.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25 bl-inklużjoni tal-emenda f' punt 25.8 li ġiet proposta mis-Sa. Graziella Galea waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv preċedenti.

27.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sa. Graziella Galea, l-Eżekuttiv approva li l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25 kif preżentati.

**27.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 26**

27.3.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.26.

27.3.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif preżentati.

**27.4 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 26**

| | |
|---|---|
| **27.4.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall-Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed tiftaħ is-sejħa mill-aktar fiss possibbli. Dan il-proċess dam anki peress li kien hemm appell fuq is-sejħa preċedenti. |
| **27.4.2 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki** | Il-President semma li kien ser jiġi organizzat mill-OPM, Seminar fuq l-indafa pubblika. Il-President wera d-diżappunt tiegħu li bħala Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li hija stakeholder importanti f' dan il-qasam ma kinitx notifikata b' dan is-seminar u li lanqas ġiet mistiedna biex tkun rappreżentata fid-diskorsi li kienu ser isiru. Il-President fakkar li l-Assoċjazzjoni sa minn ħafna xhur ilu kienet ħejjiet dokument |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

bil-proposta li ħafna mill-istess proposti kienu ġew aċċettati mill-kabinet. Il-President semma li huwa mhux ser ikun jista' jattendi minħabba impenji ta' safar u għaldaqstant talab lil dawk preżenti sabiex jekk kemm-il darba jattendu jagħmlu referenza għal dak li kien propost mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**27.4.3 Membership – Municipal Waste Europe**

Il-President semma li hekk kif maqbul kienet ġiet iċċirkulata l-informazzjoni kollha lill-Membri tal-Eżekuttiv. Semma li ser ikunu qed jattendi għal-laqgħa ġewwa Brussel.

**27.4.4 Team Building Event – Karaoke għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema**

Il-President semma li kien ġie organizzat Team Building nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru u li għalih attendew diversi Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

**27.4.5 Bus Shelters**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni peremezz tal-Avukat tagħha aġixxiet u ssottomettiet rispons fil-Qorti f' isem il-Kunsilli Lokali li taw il-mandat tagħhom.

**27.4.6 EU Funds Officers**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet talbet lill-Ministru, is-Segretarju Paralmentari kif ukoll id-Direttur Ġenerali fuq il-progress li kien sar sabiex jiġu ingaġġati EU Funds Officers mal-Kunsilli Reġjonali. il-Membri tal-Eżekuttiv kienu kollha ikkupjati bil-korrispondenza li kienet għaddejja bejn il-partijiet.

**27.4.7 Riċeviment tal-Milied għas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema**

Il-President semma li kienu inġabbru l-kwotazzjonijiet u ġie deċiż li r-riċeviment issir nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru ġewwa The Fortress Builders, il-Belt Valletta.

**27.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tad-dokument tas-Sejħa għas-servizzi tal-Poloz tal-Assigurazzjoni f' isem l-AKL**

27.5.1 Il-President semma li d-dokument ser ikun lest fil-jiem li ġejjin peress li inqalgħa xogħol urġenti li l-amministrattiv kellu jagħti prijorita' fuqu. Il-President semma li l-bażi tad-dokument ser tkun idendika għas-sejħa li diġa ħarġet, ser ikun hemm biss emenda fejn ser qed jiġi speċifikat li l-excess tal-poloz ser ikun qed jittieħed f' kunsiderazzjoni meta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

issir l-evalwazzjoni. Ser ikun hemm inkluż ukoll li l-premium mitlub għad-Dipendenti fil-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ser ikun ukoll qed jittieħed parti mill-evalwazzjoni.

27.5.2 Għaldaqstant, il-President semma li abbażi ta' dawn il-kriterji, ladarba id-dokument jiġi ffinalizzat ser ikun qed jitella' fuq is-sistema sabiex jiġi konkluż qabel l-aħħar tas-sena 2019.

**27.6 Ħatra tal-Board tal-Evalwazzjoni għas-sejħa Sejħa għas-servizzi tal-Poloz tal-Assigurazzjoni f' isem l-AKL**

27.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Mark Grech, l-Eżekuttiv qabel li l-Board tal-Evalwazzjoni għal din is-sejħa għandu jkun kompost mis-Sur Mario Fava (Chairperson), Dr. Samuel Azzopardi, Chev. Paul Farrugia u s-Sur Joseph Cordina bħala l-Memebri tal-Board.

**27.7 Ħatra tal-Board tal-Intervisti għall-postijiet vakanti mal-AKL**

27.6.1 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-Board tal-Intervisti għall-postijiet vakanti mal-AKL għandu jibqa' kif kien sa issa. Iġifieri, is-Sur Mario Fava (Chairperson), Dr. Samuel Azzopardi u Chev. Paul Farrugia (Membri tal-Board) u s-Sa. Lianne Mifsud (Segretarja tal-Board).

**27.8 Approvazzjoni tas-Servizz tal-Informatika mogħti lill-AKL**

27.8.1 Il-President semma li kien wasal biex jiskadi l-kuntratt ta' sentejn mal-kuntrattur li kien qed jipprovdi assistenza u manutenzjoni fuq is-Servizz tal-Informatika lill-Assoċjazjoni.

27.8.2 Il-President semma li ma kien l-ebda problemi mal-kuntrattur eżistenti u peress li sar bdil estensiv fl-infrastruttura bħal bdil ta' server huwa jirrekomanda li l-Assoċjazzjoni tibqa' mal-istess kuntrattur sabiex ma jkunx hemm interruzzjonijet fis-sistemi li għadhom kemm ġew implimentati.

27.8.3 Il-President semma li ser ikun hemm żieda ta' €50 fix-xhar sabiex jiġi offrut dan is-servizz. Semma wkoll li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tixtri liċenzja ta' software ta' Anti-Virus.

27.8.4 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-proposta.

**27.9 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Proposti Fondi tal-LESA Reġjun Tramuntana**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

27.9.1 Il-President ressaq għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Eżekuttiv il-proposti ta' inizjattivi kulturali hekk kif sottomessi mir-Reġjun Tramuntana.

27.9.2 Il-President semma li r-Reġjun issottometta żewġ applikazzjonijet waħda li tkompri ħarġiet kulturali fir-Reġjun u l-oħra li jsiru attivitajiet fi żmien il-Milied permezz ta' korijiet li jinġabu minn barra minn Malta.

27.9.3 Il-President irrimarka li l-proposta tal-korijiet kienet repplika ta' dak li ġie sottomess fis-sena preċidenti.

27.9.4 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li r-Reġjun għandu jkun notifikat sabiex isiru l-emendi neċessarji u terġa titressaq waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 28.

**27.10 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Proposti Fondi tal-LESA Reġjun Għawdex**

27.10.1 Il-President ressaq għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Eżekuttiv il-proposti ta' inizjattivi ambjentali hekk kif sottomessi mir-Reġjun Għawdex.

27.10.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-proposta ta' xiri u installazzjoni ta' Sea Bins madwar il-kosta Għawdxija hekk kif sottomessa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

**27.11 European Waste Reduction Week**

27.11.1 Il-President semma li jekk it-temp jippermetti l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipparteċipa f' din l-inizjattiva sabiex tippromovi smoking areas li jassiguraw li ma jintremewx loqom tas-sigaretti fit-toroq imma jkun hemm żoni designati sabiex issir it-tipjip u jkun hemm il-faċilita' li wieħed jiddisponi mill-loqom b' mod għaqli.

27.11.2 Il-President semma li l-AKL qiegħda f' diskussjoni mad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa sabiex huma jkunu msieħba f' din l-inizjattiva sabiex jingħata għarfien li t-tipjip jagħmel ħsara lis-saħħa.

27.11.3 Il-President semma li din l-attivita' kienet ser issir il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 2019 ġewwa l-Belt Valletta.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**27.12 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **27.12.1 Scholarships – Malta Trust Foundation** | Il-President li kienet ġiet mibgħuta ċirkulari sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jigħinu billi jiġu identifikati żewġ individwi li żewġ individwi li għaddejjin minn każijiet soċali sabiex jibbenifikaw minn pakkett ta' studju fuq livell ta' M.Sc jew Higher Diploma fl-Immaniġjar. |
| **27.12.2 Ħlasijiet ta' Awditjar tal-Kunsilli Reġjonali** | Il-President semma u irrefera għad-dokument anness mal-Minuti u mmarkat bħala Dok A, fejn id-Diviżjoni qed tikkometti li ser tkun qed tirrifondi lill-Kunsilli Reġjonali għall-ispejjeż li ġew imnaqsa mill-Allokazzjoni sabiex jiġi iffinanzjat awditjar fuq il-Kunsilli Reġjonali. |
| **27.12.3 Skema Finanzjarja (DLG) – Lifelong Learning** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ingħatat konferma mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy li ser tkun qed tingħata fondi sabiex jiġi organizzat il-kors ta' taħriġ lill-persuni b' diżabilita' intelletwali. |
| **27.12.4 CEMR call for porposals – Kungress 2022/2024** | Il-President semma li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu qed jattendu laqgħa ta' informazzjoni mal-Uffiċjali ta' CEMR ġewwa Brussel sabiex għall-ewwel darba Malta tkun tista' tissottometti l-applikazzjoni sabiex jiġi organizzata Konferenza tematika fuq l-involviment taċ-ċittadin fil-politika kif ukoll il-Kungress tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej li għalih ikun mistennija li jattendi 1000 parteċipant.<br>Il-President semma li f' Mejju li ġej ser ikun qed jattendi l-Kungress 2020. |
| **27.12.5 Servizz ta' Manutenzzjoni għall-Uffiċini tal-AKL** | Il-President semma li l-ftehim mal-kuntrattur eżistenti kien ser jiskadi fi Frar 2020. Minkejja dan il-kuntrattur irrifjuta li jagħti servizz wara li inġibdet l-attenzzjoni li x-xogħol ma kienx qed isir kif wieħed jistenna. Għaldaqstant, il-President semma l-AKL kienet ser tiġbor kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **27.12.6 Reform on Human Trafficking and Prostiution** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet iffirmat sottomissjoni konġunta mal-Assocation for Equality, Friends of Thouret, Womens Rights Foundation u diversi entitajiet oħra kontra t-traffikar tal-umani u l-prostituzzjoni. |
| **27.12.7 Wakability & Accessibility** | Il-President semma li kien qed jiġi imħejji l-ewwel dokument maħruġ mill-Viżjoni tal-AKL li kien ser jitratta l-Aċċessibilita' u l-Mixi bħala mezz ta' transport alternattiv. |
| **27.12.8 Rapport tal-Awditur Ġenerali – il-Ħidma tal-Kunsilli Lokali 2018** | Il-President semma li kien ġie ippubblikat r-rapport tal-Awditur Ġenarli fuq il-Ħidma u l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali. |
| **27.12.9 Laqgħa mal-Eċċellenza Marie- Louise Colerio Preca** | Il-President semma li kellu laqgħa mal-Eċċellenza fejn fiha ġew diskussi l-ispazji miftuħa u rikrejattivi fejn ser ikun qiegħed jiġi imnidi proġett minn National Foundation of Wellbeing. |

**27.13 Affarjiet Oħra**

| | |
|---|---|
| **27.13.4 DSA – Is-Sur Michael Fenech Adami** | Is-Sur Michael Fenech Adami talab klarifikazzjoni rigward id-DSA għandux jingħata meta Membru Elett jew Segretarju Eżekuttiv jattendiex laqgħat jew konferenzi barra minn Malta anki jekk l-ko-ordinaturi jkunu qed jiffinanzjaw il-biljetti tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni. Il-President spjega li dejjem kienet il-prassi li wieħed jitħallas anki meta dawn jattendu laqgħat tal-Kummisjoni minkejja li l-biljett tal-ajru jkun refundable mill-istess Kumitatt tar-Reġjuni xorta waħda jingħataw DSA mill-istess Kumitatt. Semma li wieħed għandu jieħu f' kunsiderazzjoni li meta wieħed jintalab biex jattendi laqgħat barra minn Malta jkun ukoll qiegħed jutilizza l-leave tiegħu. |
| **27.13.2 Possibilita' ta' ħlasijiet online mill-Kunsilli Lokali – Sa. Graziella Galea** | Is-Sa. Galea semmiet li xtaqet tpoġġi għad-diskussjoni l-possibbilita' li jibdew isiru l-ħlasijiet online mill-Kunsilli Lokali kif ukoll li għandu jiġi kunsidrat li l-Kunsilli Lokali jkollhom aċċess ta' Karta tal-Kreditu. Il-President semma li dan il-punt qed jiġi diskuss internament mad-Diviżjoni |

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

għall-Gvern Lokali, mal-Awditur Ġenerali kif ukoll mal-ANSEK sabiex jinbeda dan il-proċess.

27.13.3 Is -Sa. Graziella Galea talbet li tiġi skużata fis-19:00

**27.13.4 L-iskeda tal-Pagamenti – Is-Sur Michael Fenech Adami**

Is-Sur Michael Fenech Adamii xtaq jirrimarka fuq xi items imniżla fl-iskeda tal-pagamenti li kienet ser tiġi preżentata. Is-Sur Fenech Adami talab kjarifikazzjoni ta' items li kienu imniżla fl-iskeda u wara li ngħata spjegazzjoni mill-President talab li jkun hemm emenda fid-deskrizzjoni tal-items hekk kif kienu ġew imniżlin fl-iskeda.

**27.14 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 27**

**27.8.1** Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-22 t' Ottubru 2019 u t-18 ta' Novembru 2019 li kienet tammonta għall-€90,769.23.

**27.15 Aġġornament**

27.15.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.28 li nżammet nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2019.

**Mario Fava**
**President**

DOK A

| | |
|---|---|
| **From:** | Mario Fava <mariofava16@gmail.com> |
| **Sent:** | 22 October 2019 12:30 |
| **To:** | Lianne Mifsud |
| **Subject:** | Fwd: Audit Fees deducted from Regional Committees Allocation |
| **Attachments:** | image001.jpg |

Mario Fava
President

Local Councils' Association
E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381

---------- Forwarded message ---------
From: **Vella Lorraine Nicole at Local Government** <lorraine-nicole.vella@gov.mt>
Date: Tue, Oct 22, 2019 at 9:05 AM
Subject: Audit Fees deducted from Regional Committees Allocation
To: Regjun Centrali at Local Councils <regjun-centrali.dlg@gov.mt>, Regjun Xlokk at Local Councils <regjun-xlokk.dlg@gov.mt>, Regjun Ghawdex at Local Councils <regjun-ghawdex.dlg@gov.mt>, Regjun Nofsinhar at Loca Councils <regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt>, Regjun Tramuntana at Local Councils <regjun-tramuntana.dlg@gov.mt
Cc: mariofava16@gmail.com <mariofava16@gmail.com>, Attard Natalino at Local Government <natalino.attard@gov.mt>, Galea Christopher at Local Government <christopher.galea@gov.mt>

Executive Secretaries

Regional Committees

Following discussions between the President LCA and the Director General it was agreed that Performance Audit f the Regional Committees will be borne by the Local Government Division. Thus, kindly be informed that the funds deducted from Regional Committees Allocation 2019 in respect of Performance Audit will be reimbursed in comin days.

A separate e-mail will be sent with details of reimbursement.

Regards,